MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2004

Numru 502/2004

Il-Pulizija
(Spettur Josric Mifsud)
(Spettur Ramon Mercieca)
vs
Joseph Camilleri

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Joseph Camilleri, detentur tal-karta ta' l-identita Nru 110672 (M), li permezz tieghu huwa gie akkuzat talli f'dawn il-gzejjer fit-22 ta' Gunju 2004, gol-Belt Valletta u matul l-ahhar l-erba' xhur qabel din id-data, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, u li kienu maghmulin b'rizoluzzjoni wahda :

a) nhar l-10 ta' Marzu, 2004 ikkommetta serq ta' HSBC Visa Card bin-numru 5490 0478 0107 6610 liema serq

huwa ikkwalifikat bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa, ghad-detriment ta’ Ann Kristin Rieger mir-Rabat;
b) ukoll talli nhar l-10 ta’ Marzu, 2004 seraq mobile phone tal-marka Nokia li jiswa anqas minn mitt lira Maltin (LM100) ghad-detriment ta’ Ann Kristin Rieger mir-Rabat;
c) u aktar talli matul ix-xahar ta’ Marzu 2004, ghamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat fuq akkont ta’ terzi persuni b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioe’ il-Visa Card ta’ l-HSBC u dan bi ksur tal-artikolu 183 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
d) U aktar talli fil-Belt Valletta, u fi bnadi ohra f’dawn il-Gzejjer xjentement laqa’ ghandu, jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat sew jekk dawn sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;
e) U aktar talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi b’mezzi xort ohra hekk kif imsemmija fl-artikolu 325, tal-Ligijiet ta’ Malta, volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe’ it-tieqa tal-vettura SEDE322 ghad-dannu ta’ l-istess Ann Kristin Rieger mir-Rabat u dan bi ksur tal-artikolu 325 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
f) U aktar talli fl-istess cirkustanzi b’mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew billi inqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi uza haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika ghalel qligh ta’ LM270 bi hsara ghad-dannu ta’ l-istess Ann Kristin Rieger mir-Rabat;
g) U aktar talli bi hsara ta’ haddiehor, ghamel xi qligh iehor b’qerq, mhux imsemmi fl-artikoli 308 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
h) U aktar talli matul ix-xahar ta’ Marzu 2004 xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skritturi foloz, jigifieri Visa

card u dan bi ksur tal-Artikolu 184 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

i) U aktar talli matul ix-xahar ta' Marzu 2004 ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn dokument falsifikat u cioe' minn Visa Card mahruga minn awtorita pubblika u dan bi ksur tal-Artikolu 189 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

j) Nhar l-14 ta' April 2004 ikkommetta serq ta' mobile phone tal-marka Samsung tip E 700 li jiswa aktar minn mitt lira Maltin (LM100) pero' anqas minn elf lira (LM1,000); liema serq huwa aggravat bil-valur tal-haga misruqa ghad-detriment ta' Ruth Attard minn San Giljan;

k) Ukoll talli nhar it-22 ta' Gunju, 2004 gol-Belt Valletta seraq LM 100 Maltin u 545 Euros li jiswa aktar mnn mitt lira Maltin (LM 100) pero' anqas minn elf lira (LM1000) ghad-detriment ta' Patrick Cuschieri liema serq huwa aggravat bil-valur tal-haga misruqa;

l) Ukoll talli fl-istess lok, zmien u cirkostanzi seraq mobile phone tal-marka Nokia tip 5210 li jiswa anqas minn mitt lira Maltin LM100 ghad-detriment ta' Patrick Cuschieri;

m) Tall nhar il-21 ta' Gunju 2004 gol-Belt Valletta kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenza mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emmendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

n) Ukoll talli sar recidiv b'sentenza tal-Qori tal-Magistrati ta' Malta (Mag. Dr Consuelo Scerri Herrera) moghtija fis-7 ta' Novembru, 2001.

Semghet lill-imputat iwiegeb li hu hati ta’ l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu, wissietu bil-konsegwenzi ta’ tali ammissjoni u akkordatlu zmien xieraq sabiex jikkonsidra l-posizzjoni tieghu.  L-imputat baqa’ jinsisti illi jirregistra ammissjoni, u ghalhekk wara li rat l-Artikoli 41, 183, 308, 1718, 49, 50, 261 (b), (g), 263, 271, 278, 325, 184, 189, 261 (c), 267 tal-Kap. 9 id-disposizzjonijiet tal-4 u s-6 Taqsima tal-Kap. 101 u r-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292 tal-1939) u 20 tal-Kap. 9;

Issibu hati ta’ l-imputazzjonijiet kollha hlief ghall-akkuza ta’ ricettazzjoni;

Il-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta’ piena il-fatt illi l-imputat ghandu fedina penali allarmanti ferm u ma hemmx il-lok ta’ xi klemenza f’dan il-kaz;

Ghaldaqstant il-Qorti tikkundanna lill-imputat, misjub hati kif diga’ intqal, ghal prigunerija ta’ sentejn u erba’ xhur.

Il-Qorti, a tenur tal-Artikolu 392A tal-Kap. 9 tordna illi l-atti, flimkien ma kopja ta’ din is-sentenza jigu mibghuta lill-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 401 (3) tal-Kap. 9.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------